# NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 37 - IT-TLIETA 1 TA' LULJU 2008**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fid-8:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi-Sindku |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Salvu Sciberras | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier (wasal fid-8:50pm) |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat (imsiefer): | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Qabel ma l-Kunsill ġie biex jikkunsidra l-minuti, is-SE informa li l-Kunsillier Agius kien jinsab imsiefer filwaqt li l-Kunsillier Gatt kien infurmah li se jittardja.

1.2. Il-Kunsillier Anthony Grech talab li ssir emenda f'para 1.2 billi l-aħħar tliet kelmiet 'tat-tifel tiegħu' jinbidlu ma' 'tan-neputi'.

1.3. Il-minuti imbagħad ġew approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

1.4. Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienx sar ir-rapport lill-Pulizija dwar il-parkeġġ bl-addoċċ fil-Pjazza. Is-SE informa li kien għadda rapport lill-Pulizija kif ukoll lill-Gwardjani. Kellu rapporti li kienu ttieħdu passi mill-Pulizija f'jum partikulari. Minħabba però li din l-okkorrenza baqgħat issir, kien hemm qbil li għandha terġa' tinġibed l-attenzjoni tal-Pulizija biex jibqgħu jagħmlu r-ronda.

1.5. Għall-mistoqsija tal-Viċi-Sindku rigward para. 1.9, is-SE informa li ma kinitx għadha ġiet iffissata laqgħa mal-Każin tal-Banda Peace.

1.6. Hawnhekk wasal il-Kunsillier Gatt. Il-ħin kien id-8:50pm.

1.7. Il-Kunsill iddiskuta para. 1.11 rigward il-pavimentar ta' Triq il-Kbira. Is-SE reġa' fakkar lill-Kunsilliera biex possibilment jinnutaw pavimentar f'postijiet oħra qabel ma jiddeċiedu dwar wieħed in partikulari.

1.8. Il-Kunsillier A. Grech wera numru ta' fuljetti li qed jitwaddbu fit-toroq kemm tan-Naxxar kif ukoll kull fejn iddoqq il-Banda Peace. Dawn il-fuljetti kellhom kliem insulenti diretti lejn l-imsemmija Banda. Fuq proposta tal-Kunsillier Grech, il-Kunsill ikkundanna b'mod unanimu dan l-att.

1.9. Is-SE informa li fir-rigward ta' punt 1.34 mill-Informazzjoni mill-Minuti ta l-Kunsill diġà kienet ġiet irranġata bankina fi Triq il-Kbira viċin il-kunvent tad-Dumnikani. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Sciberras kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinvestiga l-possibilità li tiġi rikostruwita l-bankina fi Triq Ġużeppi Stivala b'mod li jitħalla l-kanal eżistenti taħtha sabiex minnu jgħaddi l-ilma tax-xita.

## 2. KOMMUNIKAZZJONIJIET

2.1. Fir-rigward tal-proposti ta' ismijiet tat-toroq li l-Kunsill bagħat lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq, is-SE informa li kienet waslet risposta lura li ma kinux qed jaqblu li tissemma triq għal Salvatore Ellul Bonici, Dun Anton Sciberras, San Ġorġ Preca u Sir Temi Zammit. Kien hemm qbil li minflok jinstabu ismijiet oħra iżda li l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti fuq Dun Anton Sciberras għaliex kellu sehem importanti ħafna kemm għan-Naxxar kif ukoll fuq skala nazzjonali.

2.2. Is-SE informa li fir-rigward ta' l-offerti klerikali, tnejn mill-applikanti kienu sabu xogħol filwaqt li kien hemm oħrajn li ma kinux eliġibbli. Kien hemm wieħed iżda li kemm is-SE u l-Kunsillier Sciberras kienu qablu li jista' jgħin kemm fil-lat ta' *accounts* kif ukoll biex jagħmel xi xogħlijiet ta' kontroll fuq il-ħaddiema u kuntratti. Kien hemm qbil għaldaqstant li l-Bord għandu jerġa' jiltaqa' ma' din il-persuna biex jara tkunx interessata tagħmel dan it-tip ta' xogħol.

2.3. Sadanittant is-SE informa li issa l-popolazzjoni uffiċċjali fin-Naxxar issuperat it-12500 u għalhekk il-Kunsill seta' jimpjega lil xi hadd iehor. Kien hemm qbil ghalhekk li jibda l-process ghall-impjieg ta' skrivan/a.

2.4. Il-Każin tal-Banda Vittorja kien bagħat ittra ta' apoloġija. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija tagħhom u b'sens ta' rieda tajba se jiġu eżentati mill-ħlas tat-tpoġġija ta' *scaffolding* fuq il-bankina. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra lura b'din ir-risposta u b'talba biex jinfurmaw lill-kumitat kollu dwar dan.

2.5. Il-Kunsilliera Miceli għamlet rapport li hemm kanna fil-wiċċ ta' Ġnien l-Aventis u li l-bankina kienet tneħħiet. Is-SE informa li dawn kienu diġà ġew irrapurtati diversi drabi lill-ADT. Kien hemm qbil ukoll li għandha tintbagħat ittra lill-ADT sabiex it-*tyre grip* jiġi estiż aktar 'l isfel fin-niżla ta' T'Alla U Ommu.

2.6. Kien hemm qbil li l-*pasta night* għandha terġa' tiġi kkanċellata minħabba nuqqas ta' konkorrenza.

2.7. Is-Sindku infurmat li hi u s-SE kif ukoll il-Kunsillier Sciberras kellhom laqgħa ma' l-Awtorità tad-Djar u dawn urew ix-xewqa li l-vot allokat mill-Awtorità ghall-vittmi jitpoġġa fil-fond komun tal-Kunsill. Għaldaqstant is-Sindku u s-SE insistew li għandu jkun hemm rappreżentant min-naħa tagħhom fuq il-kummissjoni. Is-Sindku infurmat li sal-ġurnata dawn kienu għadhom ma kkonfermawx jekk hux se jagħmlu dan.

2.8. Is-SE informa li Sr. Michelina mill-Ordni tad-Dumnikani tan-Naxxar kienet stiednet lill-Kunsill kollu għal Quddiesa tal-Ħamsin sena tagħha bħala soru nhar il-Ħadd 17 ta' Awissu fis-6:30pm fil-Parroċċa tan-Naxxar.

2.9. Is-SE informa li s-Sindku, l-Kunsillieri Sciberras u Joe Grech flimkien mieghu kienu raw is-CCTV's jaħdmu u li l-aktar waħda li dehret effettiva kienet dik ta' Philip Toledo. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jara li dawn il-*cameras* għandhom jibdew jitwaħħlu mill-aktar fis possibli.

2.10. Il-Kunsilliera Miceli staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-bankijiet tal-ġnien Toni Vella. Is-SE informa li dawn kienu ġew ordnati minn barra bit-tinda b'kollox

sabiex jiġu pariġġ. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Catania, kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni biex niżguraw li l-istrixxi li jitpoġġew fuq il-bankijiet eżistenti ma jkollhomx ingroppi fin-nofs għaliex qed tkun faċli aktar li jinkisru. Kien hemm qbil li għandhom jibdew isiru minn injam iebes minflok ta' l-aħmar kif kienu qed isiru s'issa.

2.11. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li waħda mis-siġar li hemm fi Ġnien l-Unjoni Ewropea għandha bżonn tinżabar għax qed tostakola l-passaġġ. Il-Kunsilliera Miceli wkoll ġibdet l-attenzjoni li hemm siġra fi Triq San Publiju li kellha bżonn ta' żabra.

2.12. Il-Kunsill qabel li jagħti s-soltu donazzjoni ta' €115 lill-EdenFest.

2.13. Is-SE informa li kienet saret spezzjoni ma' importatur tal-materjal *anti-skid* fi Triq l-Ingilterra kantuniera ma' Triq l-Amerika. Minħabba li kien hemm żewġ kumpaniji li bagħtu stima, kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa fuq il-post mal-kumpanija li offriet l-irħas stima biex inkunu certi li, jekk tintgħazel l-irħas, tkun komparabbli fil-kwalità ma' dik aktar għolja.

2.14. Il-Kunsillier Catania wassal rapport dwar allegat inċidenti li qed ikun hemm fi Triq il-Parroċċa kantuniera ma' Triq l-Oratorju minħabba li l-vetturi qed iduru b'velocità qawwija minn wara l-Knisja ghal Triq il-Parroċċa. Għalhekk huwa talab li jitpoġġew *humps*. Madanakollu l-Kunsill ma qabilx u minflok talab li jsiru marki 'SLOW' ma' l-art fuq wara tal-Knisja. Il-Kunsillier Catania iddikjara li ma jaqbilx ma' dan is-suġġeriment.

2.15. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jilqa' l-proposta tal-pulizija biex isiru laqgħat ghas-sewwieqa dwar sewqan aħjar. Kien hemm qbil ukoll li nitolbuhom jagħmlu xi artiklu għal fuq il-gazzetta tal-Kunsill.

## 3. ĦLAS TA' KONTIJIET

3.1. Il-lista tal-ħlasijiet ġiet approvata mingħajr emendi u ffirmata mis-Sindku u s-SE. Kopja annessa f'A.

3.2. Inġibdet l-attenzjoni tas-SE li l-kuntrattur tat-tindif tal-pjazza kien qed iħalli l-borża mimlija fil-pjazza wara li tkun imtliet.

## 4. VARAR TAL-KTEJJEB TAL-MIXJIET

4.1. Is-SE informa li l-ktejjeb issa huwa lest u twassal fl-uffiċċju tal-Kunsill. Kien hemm qbil li jitqassam wieħed lil kull kunsillier u m'għandhomx jingħataw kopji addizzjonali bla ħlas. Kien hemm qbil li dan jinbiegħ għal €2.50. Fuq suġġeriment tas-SE, kien hemm qbil li ssir konferenza stampa biex dan il-ktejjeb jiġi varat. Kien hemm qbil ukoll li jitpoġġew numru minnhom fi ħwienet sabiex jinbiegħu u s-sidien tal-ħwienet jingħataw 25% kummissjoni.

## 5. IL-BUDGET U L-PJAN TA' TLETT SNIN

5.1. Meta l-Kunsill għadda biex jiddiskuti l-baġit għas-sena kurrenti kien hemm qbil li dan is-suġġett jiġi aġġornat għal-laqgħa li jmiss.

5.2. F'dan il-ħin il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju tal-kwart Jannar-Marzu 2008.

## 6. AĠĠORNAMENT

6.1. Il-Kunsillier Sciberras informa li matul il-ġimgħa ta' qabel kienet ħarġet twissija lill-kuntrattur tat-tindif ta' Baħar iċ-Ċagħaq minħabba nuqqas ta' tindif fit-Telgħa tal-Madliena iżda dan kien ħa ħsieb inaddaf l-għada stess. Sadanittant, il-membri tas-sottokumitat kienu ngħataw lista tat-toroq bil-ġurnata tat-tindif sabiex ix-xogħol ta' tindif ikun jista' jiġi ssorveljat. Huwa semma li fil-preżent is-sitwazzjoni tat-tindif f'partijiet tan-Naxxar qegħda f'sitwazzjoni ħażina għall-aħħar u għaldaqstant hemm

bżonn li tittieħed azzjoni mill-Kunsill. Is-SE informa li huwa kien diġà bagħat javża lid-Dipartiment konċernat u bagħat kopja lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Ambjent fejn kien wissa li jekk is-sitwazzjoni mhux se titjieb immedjatament huwa kien se jirrakkomanda lill-Kunsill biex il-kuntratt jitwaqqaf. Kien hemm qbil li għandu jinbeda l-proċess biex tinħareġ offerta ġdida għaż-żoni li fil-preżent jitnaddfu mid-Dipartiment tas-Servizzi ta' l-Indafa filwaqt ma jinħargu l-ebda pagamenti oħra għalissa.

6.2. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fil-10:45pm.

| *(Iffirmati)* | *(Iffirmati)* |
|---|---|
| **Maria F. Deguara MD** | **Paul Gatt** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Lista ta' ħlasijiet approvati mill-Kunsill**

| ***Supplier code*** | ***Supplier name*** | ***Amount €*** | ***Description*** | ***Nom. Code*** |
|---|---|---|---|---|
| SAVIOUR | MR SAVIOUR MIFSUD | 2,725.58 | Sweeping Zones B & F for May 08 | 3051 |
| SAVIOUR | MR SAVIOUR MIFSUD | 2,725.58 | Sweeping Zones B & F for April 08 | 3051 |
| SAVIOUR | MR SAVIOUR MIFSUD | 2,725.58 | Sweeping zones B & F for March 08 | 3051 |
| SAVIOUR | MR SAVIOUR MIFSUD | 2,725.58 | Sweeping zones B & F for Feb 08 | 3051 |
| SAVIOUR | MR SAVIOUR MIFSUD | 53.58 | Open skips for October 07 | 3046 |
| NORTHERN | NORTHERN CLEANING CO-OP LTD | 6,786.33 | Refuse collection April 08 | 3041 |
| NORTHERN | NORTHERN CLEANING CO-OP LTD | 3,872.92 | Refuse collection March 2008 | 3041 |
| MIFSUD | MR CHARLIE MIFSUD | 1,995.84 | Beach Cleaning April 08 | 3063 |
| MIFSUD | MR CHARLIE MIFSUD | 852.10 | Beach cleaning extra servces April 08 | 3063 |
| MIFSUD | MR CHARLIE MIFSUD | 384.82 | Truck x4 for patching April 08 | 2311 |
| MIFSUD | MR CHARLIE MIFSUD | 1,603.63 | Non urban cleaning April 08 | 3052 |
| MIFSUD | MR CHARLIE MIFSUD | 390.30 | Street cleaning Zone E April 08 | 3051 |
| MIFSUD | MR CHARLIE MIFSUD | 390.30 | Street cleaning Zone E May 08 | 3051 |
| MIFSUD | MR CHARLIE MIFSUD | 1,603.63 | Non urban cleaning May 08 | 3052 |
| MIFSUD | MR CHARLIE MIFSUD | 1,995.54 | Beach cleaning May 08 | 3063 |
| MIFSUD | MR CHARLIE MIFSUD | 96.76 | Truck for patching May 08 | 2311 |
| MIFSUD | MR CHARLIE MIFSUD | 865.40 | Extra Trucks for Beach cleaning May 08 | 3063 |
| ELC | Environmental Landscapes Consortium Ltd | 3,365.46 | Maintenance of gardens Apil 08 | 3061 |
| ELC | Environmental Landscapes Consortium Ltd | 3,365.46 | Service for May 08 | 3061 |
| GALEAINS | Galea Insurance Brokers Ltd | 1,250.00 | Insurance | 3030 |
| GALEAINS | Galea Insurance Brokers Ltd | 193.00 | INsurance | 3030 |
| TCTC | TCTC | 1,110.00 | e-tfal agreement for the first 150 students | 3381 |
| TCTC | TCTC | 180.00 | Flyers for e-tfal (4500 @ 0.04c) | 3381 |
| VERITAS | Veritas Press | 1,186.24 | Printing of May 08 Kuntatt | 2960 |
| CARUANA | Ms Johanna Caruana | 698.81 | Accountancy service Jan-Mar 08 | 3160 |
| BADBOY | BAD BOY CLEANING SERVICES LTD | 354.38 | Cleaning Offices (Wk 16-Wk 19-May 08) | 3055 |
| BADBOY | BAD BOY CLEANING SERVICES LTD | 272.77 | Cleaning common areas (wk 16-19 - May 08) | 3055 |
| GAUCBORD | Gauci Borda & Co Ltd | 571.81 | Flags (Naxxarx3, Malta x3, EUx3, Naxxar x1 large) | 2240 |
| GALEA | Galea Curmi Engineering Consultants | 272.54 | Contract Management - street lighting | 3130 |

A

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| GALEA | Galea Curmi Engineering Consultants | 272.54 | Contract Managment - street lighting April 08 | 3130 |
| HONEY | HONEY & CREAM CONF. | 131.76 | Catering - visit by the President on 23/5/08 | 3340 |
| HONEY | HONEY & CREAM CONF. | 260.36 | Catering - visit by the President 25/5/08 | 3340 |
| ZARBSHAW | Shawn Zarb | 371.70 | 21 yards zrar | 2370 |
| GRNSUP | GREEN SUPPLIER LIMITED | 340.37 | Pots and plants for Offices - President's visit | 2375 |
| SEYCHELL | REUBEN SEYCHELL | 71.00 | Photography service President's visit schools | 2925 |
| SEYCHELL | REUBEN SEYCHELL | 129.00 | Photography service president's visit sunday | 2925 |
| SEYCHELL | REUBEN SEYCHELL | 60.00 | Photography services Archbishop's visit June 08 | 2925 |
| SEYCHELL | REUBEN SEYCHELL | 60.00 | Photography service meeting with NGO's | 2925 |
| PARAMOUN | Leo's Paramount | 143.23 | Transport elderly - 16-29/4/08 | 3380 |
| PARAMOUN | Leo's Paramount | 170.73 | Transport elderly - 1- 15/5/08 | 3380 |
| SMART | SMART SUPERMARKET | 40.48 | Toileteries | 2220 |
| SMART | SMART SUPERMARKET | 5.82 | Online shopping charge | 3320 |
| SMART | SMART SUPERMARKET | 85.98 | Biscuits, coffee, toilet rolls | 3320 |
| SMART | SMART SUPERMARKET | 160.90 | Drinks President's + Archbishop's visit | 3340 |
| WASTESER | WasteServ Malta Ltd | 287.02 | Separation bins for April 08 | 3044 |
| B.GRIMA | B. Grima & Sons Building | 166.57 | signs | 2313 |
| B.GRIMA | B. Grima & Sons Building | 43.72 | signs | 2313 |
| ZURRIEQL | Zurrieq Local Council | 194.12 | Fees professional service ESF application | 3190 |
| TRANS | Transient Light& Sound | 165.20 | Sound - Visit by the President on 23/5/08 | 3360 |
| MEDIAL | MEDIA LINK COMMUNICATIONS | 150.57 | Advertising re Clerk & pasta night | 2940 |
| ANTFEN | Antoine Fenech | 150.00 | Flower Arrangements - Visit by the President | 3340 |
| STANDARD | Standard Publications Ltd | 145.38 | Advertising re Clerk & pasta night | 2940 |
| GRACECAM | Grace Camilleri | 138.89 | Library services for Feb 08 | 2995 |
| YORKDA | YORKDALE STATIONERY | 66.78 | Newspapers for March 08 | 2970 |
| YORKDA | YORKDALE STATIONERY | 0.08 | Newspapers for March 08 | 2970 |
| YORKDA | YORKDALE STATIONERY | -2.71 | Purchase Payment | 5002 |
| YORKDA | YORKDALE STATIONERY | 1.98 | Gold Pen | 2620 |
| YORKDA | YORKDALE STATIONERY | 67.56 | Newspapers for May 08 | 2970 |
| CATERING | The Catering Centre Co Ltd | 31.64 | Spoons, jug, sugar bowl | 2240 |
| CATERING | The Catering Centre Co Ltd | 98.77 | Cups & Saucers | 2240 |
| GMTD | GMTD Law Firm | 109.98 | Legal consultant services April 08 | 3140 |
| MELITA | Melita Cable | 60.61 | Hello service April 08 | 2160 |
| MELITA | Melita Cable | 59.97 | Hello Service May 08 | 2160 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| CATANIA | Mr Paul Catania | 50.00 | Naxxar tour foreign students | 3370 |
| CATANIA | Mr Paul Catania | 50.00 | Tarxien temples tour | 3370 |
| ARTISANS | Artisans Centre | 96.35 | Silver plate for President | 3340 |
| UNION | Union Print | 96.14 | Advert re Clerk | 2940 |
| MASTER | MASTER CELLARS LTD | 90.77 | Wine for President's visit | 3360 |
| AVALON | Avalon Trading Agency | 70.80 | Hire of scaffolding | 2370 |
| ECOPURE | ECO PURE | 20.97 | 5 water | 3320 |
| ECOPURE | ECO PURE | 25.16 | 6 water | 3340 |
| ECOPURE | ECO PURE | 20.97 | 5 water | 3340 |
| VODAFONE | Vodafone | 58.31 | Mobile bill for April/May 08- | 2160 |
| HIRESHOP | Equipment Hire Ltd | 19.73 | hiring of vibrating plate | 3020 |
| HIRESHOP | Equipment Hire Ltd | 19.73 | Vibrating plate 30/4/08 | 3020 |
| VASSANDR | Andrew Vassallo | 37.44 | Cast Iron gratings-New street | 2370 |
| BLOKRETE | Blokrete | 19.30 | Kerbs | 2314 |